REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/58

tal-14 ta' Diċembru 2016

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' alfa-terpineol, nerolidol, 2- (4-metilfenil) propan-2-ol, terpineol u aċetat tal-linalil bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament jipprevedi l-valutazzjoni mill-ġdid ta' addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) L-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil kienu awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dawk il-prodotti mbagħad iddaħħlu fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-applikant talab li dawk l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija "addittivi sensorji". Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bid-dettalji u bid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Novembru 2012 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li bil-kundizzjonijiet proposti għall-użu fl-għalf tal-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil, dawn ma jħallux effetti avversi fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-funzjoni tal-alfa-terpineol, tan-nerolidol, 2- (4-metilfenil) propan-2-ol, tat-terpineol u tal-aċetat tal-linalil fl-għalf hija simili għal dik fl-ikel. L-Awtorità diġà kkonkludiet li, għall-ikel, l-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2- (4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil huma effikaċi, peress li jżidu r-riħa jew it-togħma tal-ikel. L-Awtorità kkonkludiet li għan-nerolidol u 2-(4-metilfenil) propan-2-ol in-nuqqas ta' marġni ta' sikurezza ma jippermettix l-amministrazzjoni simultanja fl-għalf u fl-ilma. Għall-alfa-terpineol, għat-terpineol u għall-aċetat tal-linalil, il-proporzjon eżatta għall-inklużjoni fl-għalf u fl-ilma mhuwiex disponibbli. Madankollu, dawk is-sustanzi jistgħu jintużaw f'għalf kompost sussegwentement amministrat permezz tal-ilma.

(5) Għandhom jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet sabiex ikun hemm kontroll aħjar. Għal raġunijiet prattiċi u b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjoni mill-ġdid imwettqa mill-Awtorità, il-kontenut massimu rrakkomandat għandu jiġi stabbilit. Meta jinqabeż il-kontenut irrakkomandat tal-addittiv fl-għalf komplet, in-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv tal-għalf, ismu u l-ammont miżjud tiegħu għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, tal-għalf kompost u tal-materjali tal-għalf

(6) L-Awtorità kkonkludiet li, fin-nuqqas ta' dejta dwar is-sikurezza tal-utent, jenħtieġ li l-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil jiġu kkunsidrati bħala irritanti għall-ġilda, għall-għajnejn u għas-sistema respiratorja, u bħala sensitizzaturi tal-ġilda. Konsegwentement, jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa. L-Awtorità jidhrilha li ma hemmx bżonn rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
([3]) *EFSA Journal* 2012;10(11):2966.

(7) Il-valutazzjoni tal-alfa-terpineol, tan-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, tat-terpineol u tal-aċetat tal-linalil turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(8) Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għall-alfa-terpineol, in-nerolidol, 2-(4-metilfenil) propan-2-ol, it-terpineol u l-aċetat tal-linalil, huwa xieraq li l-partijiet interessati jingħataw perjodu ta' tranżizzjoni biex iħejju ruħhom ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorji" u mill-grupp funzjonali "komposti li jgħinu fit-togħma", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom minn dawn is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Awwissu 2017 skont ir-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi speċifikati fl-Anness u li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Frar 2018 skont ir-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi hekk kif speċifikat fl-Anness u li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Frar 2019 skont ir-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Frar 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
Kategorija: Addittivi sensorji. Grupp funzjonali: Komposti aromatiċi									
2b02014	—	alfa-Terpineol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* alfa-Terpineol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* alfa-Terpineol Prodott b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 96 % Formula kimika: $C_{10}H_{18}O$ Nru tal-CAS: 98-55-5 Nru tal-FLAVIS: 02.014 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni tal-alfa-Terpineol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatiċi tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa b'ħin ta' retenzjoni li jillokkja GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun ta' 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: "Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 5 mg/kg" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk dan il-kontenut tas-sustanza attiva f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % li ġej jinqabeż: 5 mg/kg	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu użati flimkien ma' tagħmir ta' protezzjoni personali, inklużi l-protezzjoni għan-nifs, u n-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b02018	—	Nerolidol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Nerolidol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Nerolidol Prodott b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 97 % Formula kimika: $C_{15}H_{26}O$ Nru tal-CAS: 7212-44-4 Nru tal-FLAVIS: 02.018 *Metodu ta' analiżi* [1] Għall-identifikazzjoni tan-Nerolidol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatiċi: Kromatografija b'faži gassuża u spettrometrija ta' massa b'ħin ta' retenzjoni li jillokkja GC-MS-RTL.	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 1 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħra: 1,5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: "Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra."	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
								5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk dan il-kontenut tas-sustanza attiva f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % li ġej jinqabeż: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu użati flimkien ma' tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż l-protezzjoni għan-nifs, u n-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b02042	—	2-(4-Metilfenil)propan-2-ol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* 2-(4-Metilfenil)propan-2-ol *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* 2-(4-Metilfenil)propan-2-ol Prodott b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 90 %	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita lesta minn qabel. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun: għall-ħnieżer u t-tjur: 1 mg/kg, u għall-ispeċijiet u l-kategoriji l-oħra kollha: 1,5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Formula kimika: $C_{10}H_{14}O$ Nru tal-CAS 1197-01-9 Nru tal-FLAVIS: 02.042 *Metodu ta' analiżi* [1] Għall-identifikazzjoni ta' 2-(4-Metilfenil)propan-2-ol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatiċi: Kromatografija b'fażi gas-suża u spettrometrija ta' massa b'ħin ta' retenzjoni li jillokkja GC-MS-RTL.					4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: "Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra." 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk dan il-kontenut tas-sustanza attiva f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % li ġej jinqabeż: — 1 mg/kg għall-ħnieżer u t-tjur; — 1,5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħra. 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu użati flimkien ma' tagħmir ta' protezzjoni personali, inklużi l-protezzjoni għan-nifs, u n-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b02230	—	Terpineol	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Terpineol	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita lesta minn qabel.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Terpineol Prodott b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 91 % Formula kimika: $C_{10}H_{18}O$ Nru tal-CAS: 8000-41-7 Nru tal-FLAVIS: 02.230 *Metodu ta' analiżi* [1] Għad-determinazzjoni tat-Terpineol fl-additiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatiċi tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża u spettrometrija ta' massa b'ħin ta' retenzjoni li jillokkja GC-MS-RTL.					2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun ta' 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-additiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: "Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 5 mg/kg" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk dan il-kontenut tas-sustanza attiva f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % li ġej jinqabeż: 5 mg/kg 6. Għall-utenti tal-additiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-additiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu użati flimkien ma' tagħmir ta' protezzjoni personali, inklużi l-protezzjoni għan-nifs, u n-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	
2b09013	—	Aċetat tal-linalil	*Kompożizzjoni tal-additiv* Aċetat tal-linalil	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-additiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita lesta minn qabel.	is-6 ta' Frar 2027

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)		(8)	(9)
			Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva Aċetat tal-linalil Prodott b'sinteżi kimika Purità: minimu ta' 95 % Formula kimika: $C_{12}H_{20}O_2$ Nru tal-CAS: 115-95-7 Nru tal-FLAVIS: 09.013 *Metodu ta' analiżi* (1) Għad-determinazzjoni tal-aċetat tal-Linalil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatiċi tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża u spettrometrija ta' massa b'ħin ta' retenzjoni li jillokkja GC-MS-RTL.					2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà għandhom jiġu indikati. 3. Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun ta' 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %. 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandhom jiġu indikati dawn li ġejjin: "Il-kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %: 5 mg/kg" 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikkettar tat-taħlitiet lesti minn qabel, il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, jekk dan il-kontenut tas-sustanza attiva f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % li ġej jinqabeż: 5 mg/kg 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi ta' negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operazzjonali u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw riskji li jistgħu jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu użati flimkien ma' tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluži l-protezzjoni għan-nifs, u n-nuċċalijiet u l-ingwanti tas-sikurezza.	

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports